# ANTONIO AGIUS (23.9.1899 - 17.9.1987)



minn Prof. RAY MANGION



Antonio u s-Sinjura Agius f'ritratt meħud għand Joseph Cassar Studio tal-Ħamrun fi żmien iż-żwieġ tagħhom (c) Publio Agius, iben il-Kommendatur Antonio Agius

Antonio Agius twieled il-Furjana, iben Paolo u Filomena Pace. Missieru kien miż-Żurrieq u kien Pulizija tad-Dwana filwaqt li ommu mill-istess subbor kienet mara tad-dar. Huwa tgħammed minn Reverendu Francesco Mallia, l-Arċipriet, erbat ijiem wara fis-27 ta' Settembru 1899. Huwa ngħata l-ismijiet ta' 'Antonius, Joseph, Vincentius, Wenceslaus, Carmelus, Publius'.

Antonio attenda fl-Iskola Primarja tal-Gvern kif ukoll fis-Seminarju tal-Arċisqof fl-istess Belt Vilhena.

Antonio ta sinjal tal-ispirtu Nisrani u tal-valuri filantropiċi lejn il-komunità u lejn l-oqsma pubbliċi bla distinzjoni, li kien imżejjen bihom, fl-okkażjoni tal-XXIV Kungress Ewkaristiku Internazzjonali li kien imniedi Fuq il-Fosos fl-1913.

Huwa kellu biss 14-il sena meta kien fdat bil-kompitu li mal-intonazzjoni tat-Te Deum b'radd il-ħajr lil Alla, ixejjer bandiera minn fuq il-quċċata tal-kampnar tal-maqdes ewlieni tal-Furjana biex il-postijiet tal-qima divina fil-madwar jixxierku flimkien.

Antonio xegħel suffarelli billi b'sogru kbir ixxabbat mit-tieqa ż-żgħira tal-istess kampnar minflok li xejjer bandiera għaliex kien laħaq dalam.

Huwa kien dejjem jgħid li l-ewwel tokki kien semagħhom ġejjin mill-knisja taa' San Filippu fl-Islà u dlonk daqqew b'leħen għalenija l-qniepen kollha ta' Malta u Għawdex.

Antonio sa minn ċkunitu involva lilu nnifsu b'ħeġġa liema bħalha f'varjetà ta' attivitajiet ċivili, reliġjużi, artistiċi u kulturali.

"Is-Sur Tonin", kif kien magħruf b'affezzjoni u b'rispett, kien sinonimu mal-Knisja Arċipretali ta' San Publju li kien iqis it-tieni dar tiegħu.

Huwa kien dejjem preżenti fl-erba' rkejjen tas-soċjetà ta' madwaru u kien moħħu l-ħin kollu fit-tkattir u fit-titjib tat-tagħlim u tal-edukazzjoni tal-poplu tiegħu.

Huwa kien ko-fundatur taċ-Circolo Giovanile San Publio fl-1924, kif ukoll Promutur tal-Festi Ċentenarji tal-Qaddis Għażiż fl-1925.

Ċertament, Antonio ġibed l-attenzjoni tal-organizzaturi tal-għidien nazzjonali. Huwa ntalab is-servizzi tiegħu lil hinn mis-Swar u mill-Parroċċa nativi.

Huwa kellu numru sabiħ ta' ħatriet li jkunu jvarjaw minn dik tal-ewwel President Lajk tal-Azzjoni Kattolika fl-1926 għal dik ta' Segretarju fil-Kumitat Organizzattiv tal-Kommemorazzjonijiet Ċentinarji tan-Nawfraġju ta' San Pawl f'Malta fl-1960.

Huwa kien wieħed mill-imseħbin tabilħaqq validi u vitali fi ħdan il-Moviment Azzjoni Soċjali, il-Caritas Internationalis, il-Papal Chamber of Malta kif ukoll fl-Orders of Chivalry.

Huwa kien jifforma parti mill-kumitat bl-isem 'Stamp Advisory Board' kif ukoll tal-Kunsill tal-Pagi dwar it-Trasport Pubbliku. Huwa ta kontribut mill-iżjed siewi għal numru ta' snin.

Huwa kien Rettur tal-Konfraternità tas-Sagrament Imqaddes u ta' San Publju fi ħdan il-Knisja Arċipretali, tal-Furjana, għal 35 sena sħaħ u kellu jirtira biss minħabba saħħtu. Huwa kien ukoll Fratell f'dik tal-Madonna tar-Rużarju

Huwa xpruna 'l quddiem ġewwa Malta d-devozzjoni lejn il-Madonna li kienet meqjuma fis-Santwarju ta' Valverde fi Sqallija, fl-Italja. Huwa saħansitra ħa l-inizjattiva u ġab replika tal-kwadru tagħha u li baqgħet miżmuma



Il-Kommendatur Antonio Agius waqt id-dekorazzjoni mill-Arċisqof Mikiel Gonzi fid-29 ta' Settembru 1962 fil-preżenza tal-Arċipriet tal-Furjana Monsinjur Carmelo Xuereb (c) Publio Agius, iben il-Kommendatur Antonio Agius




Grupp ta' tfal Furjaniżi li ħadu sehem fil-festa liturġika ta' San Publju, li kienet taħbat fil-21 ta' Jannar, fl-1926. L-istatwetta ta' San Publju kien ħadimha Antonio Agius li jidher bilqiegħda u l-uniku wieħed liebes iċ-ċoff fuq ix-xellug tal-Arċipriet Francesco Mallia. L-istatwa nqerdet fit-Tieni Gwerra Dinjija (1939-45). (c) Publio Agius, iben il-Kommendatur Antonio Agius.



Il-Kommendatur Antonio Agius flimkien mal-prim kuġin tiegħu miż-Żurrieq Brother Louis Camilleri tal-Kulleġġ De La Salle li l-kawża għall-beatifikazzjoni tiegħu nfetħet fl-2019 (c) Publio Agius, iben il-Kommendatur Antonio Agius

b'għożża kbira fl-Oratorju tal-Fratellanza tas-Santissimu Sagrament u ta' San Publju, fil-Furjana.

Barra minn hekk, Antonio kien President għal tliet darbiet u President Onorarju għal Ħajtu tal-Għaqda Mużikali u tal-Banda Vilhena u Fundatur-Membru tal-Floriana Civic Committee.

Is-Sur Agius kien kolonna tad-Demokrazija u reffied tad-Duttrina Soċjali tal-Knisja. Huwa qatt ma beża' jistqarr il-wemen tiegħu fi żmenijiet kritiċi u turbulenti.

Is-Sur Agius kien, fuq kollox, il-promutur ta' pletora ta' xogħlijiet tal-arti kemm fil-knejjes u f'edifiċji storiċi fil-Furjana u lil hinn minnu.

Huwa ddisinja l-ħġieġ ikkulurit ta' sitt metri tul li kien manifatturat f'Milan, fl-Italja, u li tqiegħed fit-tieqa ewlenija fil-portiku tal-Knisja Arċipretali.

Bla dubju ta' xejn, huwa rrestawra b'mod ġenerali l-istess tempju u l-opri tiegħu wara li ntlaqat, iġġarraf u sofra ħsarat kbar matul il-Blitzkreig (1939-45), speċjalment matul il-bombardamenti u l-air-raids tal-1942. Huwa ħabrek kemm kellu setgħa biex jara li d-Dar t'Alla tkun rijabilitata u dekorata kif kien jixirqilha.

Huwa kellu għal qalbu l-aktar il-vetrata tat-tieqa tal-gallarija tal-orgni fil-Knisja Arċipretali tiegħu kif ukoll l-istess prospetti mlewnin fil-ġnub tal-Parroċċa moħtara lit-Trinità Qaddisa fil-Marsa.

Antonio kien ukoll id-disinjatur tal-artali u tal-kanċell tal-Knisja tal-Kappuċċini fil-Furjana kif ukoll tat-tarbernaklu tal-artal maġġur fl-istess parroċċa tal-Marsa.

Huwa organizza wirja fuq il-ħajja ta' San Publju b'rappreżentazzjonijiet maħdumin bl-idejn fl-għamla ta' figurini tat-terrakotta fl-1942. Huwa esibixxa mudell tal-Knisja Arċipretali u kopja tal-Vara Titulari tal-Qaddis fil-festa tas-subborg għal bosta snin.

Inċidentalment, Antonio kien il-mudellatur ta' bosta statwetti tal-Patrun li huwa sawwar bħala repliki ċkejknin għal ħafna familji mill-Furjana u li esponew fit-twieqi tal-abitazzjonijiet tagħhom fit-toroq tas-subborg.

Huwa kien ukoll il-kreatur ta' diversi parċmini fosthom pergamena li huwa ħoloq fl-avveniment taħt il-patroċinju tal-Kardinal Corrado Ursi fiċ-Ċelebrazzjonijiet Solenni tal-Ewwel Ċentinarju tal-Konsagrazzjoni tar-Rotunda tal-Mosta fis-17 ta' Ottubru 1971.

Antonio pinġa sensiela ta' karikaturi kemm dwar tematika politika kemm dwar il-logħba tal-ballun.

Huwa wettaq ħidma sfiqa biex tinġieb il-Qanpiena l-Kbira bit-tonalità ġusta u mixtieqa tal-Knisja Arċipretali li nħadmet mill-Premjata Funderija ta' Carmelo Capezzato ta' Napli fl-Italja.

Anzi huwa flimkien mal-Benefattur Manwel Cassar, mal-Arċipriet Dun Anton Debono u ma' Dun Manwel Buhagiar, personalment trattata bis-serjetà mal-fabbrikanti biex ikun aċċertat li n-noti konċernati jkunu jaqblu malkunċert skont ir-rieda tal-Furjaniżi ġaladarba kienet ippruvata bl-istrumenti.

Huwa abbozza l-arma li tpoġġiet fuq il-karrozza tal-Arċisqof Ġużeppi Mercieca li kienet fost l-aħħar esekuzzjonijiet maġistrali fil-kurrikulum twil u vast li ħalla warajh.

Antonio Agius kien l-awtur mhux biss ta' artikli u sunetti fil-ġurnali iżda ta' monografiji storiċi u ekklesjastiċi, partikularment dwar il-Persunaġġ li tant kellu devozzjoni lejh.

Huwa niseġ l-'Innu San Publju Martri' fl-14 ta' April 1941 li l-versi tassew popolari tiegħu baqgħu jitkantaw sal-lum, filwaqt li ppubblika l-ktejjeb 'Is-Subborg tal-Furjana u l-Parroċċa Tiegħu' ħames snin wara fl-1946 li wkoll issokta jkun referenza prinċipali fost ir-riċerkaturi.

Huwa stampa l-istudju storjografiku u apoloġetiku 'L-Ewwel Isqof ta' Malta' fl-1978 li huwa sejjes fuq it-tagħlim uniku u fuq il-viżjoni singulari li abbraċċja sa mill-bankijiet tal-iskola.

Antonio kkontesta l-elezzjonijiet ġenerali f'isem il-Partit Nazzjonalista wara li ntalab minn Dr Giorgio Borg Olivier li dak iż-żmien kien il-Prim Ministru. Huwa ma kienx elett ukoll jekk kiseb ammont tajjeb ta' preferenzi. Infatti, huwa kiseb 476 unu, u spiċċa r-raba' wieħed fil-lista tal-kandidati sħabu b'1,283 vot.

Is-Sur Agius serva ta' Manager ma' Muscat's Garage fil-Gżira u kien Army Assistant Chief Clerk mar-Royal Army Ordnance Corps wara l-Isptar Ċentrali (ftit wara l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija) fil-Furjana.

Huwa ħadem ukoll bħala ġurnalista freelance u kien interessat bil-bosta f'ħidmiet u f'attivitajiet karitattevoli li għalihom kien imsemmi.

Huwa kien nominat membru tas-Società Historica Melitense e Catanese u ngħata l-Medaglia Benemerenti mill-Qdusija Tiegħu l-Papa Ġwanni XXIII datata 18 ta' Lulju 1962 li rċieva waqt investitura li saret mill-Arċisqof Mikiel Gonzi fil-preżenza tal-Arċipriet tal-Furjana Monsinjur



*Il-Kommendatur Antonio Agius quddiem il-bust tal-Gran Mastru Antonio Manoel de Vilhena, li kien ittiehed meta s-Sur Tonin kien President tal-Banda ta' belt twelidu*
(c) Publio Agius, iben il-Kommendatur Antonio Agius.



Il-Kommendatur Antonio Agius, magħruf affezzjonament bħala "s-Sur Tonin"
(c) Publio Agius, iben il-Kommendatur Antonio Agius

**Carmelo Xuereb fil-Palazz Arċiveskovili fil-Belt Valletta fis-29 ta' Settembru 1962.**

**Huwa nħatar Kommendatur tal-Ordnijiet Kavallereski ta' Sant'Agata ta' Paternò fid-19 ta' Mejju 1968 u ta' San Ġorġ ta' Carinthia fit-30 ta' Awwissu 1975.**

**Huwa kien ammess bħala Membru tal-Unur fl-Unione Cavalleresca Europea fil-25 ta' Novembru 1973.**

**Fl-aħħar nett, huwa tħaddan bħala Soċju mill-Kamra Pontifiċja Maltija kif ukoll bħala Sieħeb mill-Moviment tal-Caritas ta' art twelidu.**

**Antonio Agius ingħaqad fiż-żwieġ ma' Maria Cassar fil-Knisja Arċipretali ta' San Publju, fil-Furjana, nhar it-18 ta' Awwissu 1938, u kellhom tmien ulied: Emily, Paul, Anna, Doreen, Frankie, Publius, Josette u Rosette. Antonio u Mary kellhom bħala ċelebrant taż-żwieġ tagħhom lil Dun Ġorġ Preca, l-ewwel qaddis kanonizzat Malti.**

**Antonio kien ħabib tal-qalb tal-Fundatur tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija li minnaħa tiegħu għammidlu wkoll lill-ewwel żewġ uliedhom Emily u Paul. Huma kienu residenti fi Triq Sant'Anna, fil-Furjana iżda kienu evakwati minn hemmhekk biex isir il-proġett tal-loġoġ u daħlu fl-appartament n.1, Triq is-Suq, fil-Furjana, fl-1955.**

**Il-Kommendatur Antonio Agius miet fl-età venerabbli ta' 87 sena fl-appartament tiegħu fil-Furjana fejn għex mill-1955 għal iżjed minn tletin sena.**

**Mewtu tħabbret permezz tat-trepassjoni li ndaqqet bil-qanpiena l-kbira li huwa stess kien ħawtel qatigħ biex tinġieb fil-Furjana.**

**Huwa ndifen fil-qabar tal-familja fiċ-Ċimiterju tal-Addolorata, f'Tal-Ħorr, f'Raħal Ġdid. Huwa b'rikonoxximent u bi gratitudni ssemmiet triq għal ġieħu fil-Furjana mill-Kumitat għall-Ismijiet tat-Toroq, presedut mill-Professur Oliver Friggieri, fl-1989.**

**Selezzjoni ta' Pubblikazzjonijiet: 1935: S.Publiu Martri L-Ewwel Isqof ta' Malta u d-Devozioni lejh fil-Gżira ta' Malta (Lux Press, Malta)**

**1946: Is-Subborg tal-Furjana u l-Parroċċa Tiegħu (Dar ta' San Ġużepp, Santa Venera);**

**1959: Tagħrif fil-Qosor dwar il-Qanpiena l-Kbira tal-Knisja Arċipretali tal-Furjana (Dar ta' S. Ġużepp, il-Ħamrun)**

**1960: San Publju Martri – B'Tifkira tal-Festi Ċentinarji (Empire Press);**

**1978: Ġabra ta' Tagħrif mill-Kotba Mqaddsa mit-Tradizzjonijiet u minn Kitba ta' Storiċi**

**Għorrief Approvati mill-Knisja dwar San Publju Martri – L-Ewwel Isqof ta' Malta (Stamperija Nazzjonali, Malta)**

**Biblijografija:**

**Reġistru Pubbliku, Valletta, Malta, Twelidijiet 4781/1899; Żwiġijiet 984/1938; Imwiet 2196/1987; Knisja Arċipretali, San Publju, Furjana, Reġistru tal-Magħmudijiet, Volum 5, paġna 33; Robbie Mifsud Bonnici, Dizzjunarju Bio-Bibljografiku Nazzjonali (Dipartiment ta' l-Informazzjoni, 1960), Michael Galea, Dizzjunarju ta' Kittieba Maltin u Għawdxin Il-Bieraħ u Llum (Pubblikazzjoni Bugelli, 1995); Emanuel S. Tonna, Final Focus on Floriana (Progress Press, 1979); Gazzetta tal-Gvern, Notifikazzjoni tal-Gvern 485/1989, paġna 3609, id., 25 ta' Awwissu 1989 u 528/1989, 15 ta' Ottubru 1989, paġna 4110; Michael J.Schiavone, Dictionary of Maltese Biographies, Vol.I A-F (Pubblikazzjonijiet Indipendenza, 2009); Id., L-Elezzjonijiet f'Pajjiżna Fl-Isfond Storiku 1800-2013 (Pubblikazzjonijiet Indipendenza, 2013) Albert Ganado/Antonio Espinosa Rodriguez, An Encyclopedia of Artists with a Malta Connection (Fondazzjoni Patrimonju Malti, 2018); Publius Agius 17.viii.2020.**